MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

6 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fil-5.40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARK ANTONY SPITERI – Viċi Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Is-Sinjuri Connie Scerri. Marisa Abela u Joe Debono ma kienux preżenti għall-bidu tal-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.
Is-Sinjura Marisa Abela dahlet f'dan il-mument 5.45pm.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Approvati.

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Is-Sindku talab sabiex xi ħadd ieħor mill-Kunsilliera joqgħod fuq il-Bord t'Evalwazzjoni minħabba li evalwaturi jridu jkunu bilfors tlieta barra iċ-*Chairman.* Is-Sur Spiteri qal li issa għall-ftuħ il-Gvern jista' u hekk ħa jsir jibgħat membru tal-pubbliku.
Is-Sur John Debono daħal f'dan il-mument 5.55pm.
Is-Sur Cassar ippropona li jkun hu fuq il-bord basta l-evalwazzjoni ma ssirx waqt il-ħin tax-xogħol għax ma jkunx jista'. Kulħadd qabel.

21.3.2 Is-Sindku qal li dakinhar filgħodu kellhom laqgħa kordjali ħafna d-Dipartiment fuq is-sitwazzjoni tas-Sinjuri Caruana u Cachia, kif ukoll rigward il-pożizzjoni tas-Sur George Borg fejn ġew iċċarati diversi punti. Is-Sinjura Mifsud qalet li s-Sinjuri Caruana u Cachia se jispiċċaw b'effett mit-30 ta' Diċembru. Hi qalet ukoll li s-Sur Caruana għad fadallu 65 ġurnata leave u li skond ir-regoli tal-HR jistgħu jiġġemmgħu b'lura 48 ġurnata (sentejn). Pero' hi tħoss li s-Sur Caruana m'għandux jitlifhom anka għax kważi qatt ma kien ifalli fejn jidħol mard. Hi proponiet li jitħallas ta' kollox. Kulħadd qabel.

21.3.3 Is-Sindku qal li l-attivita' tas-Sorijiet din is-sena se ssir nhar l-20 ta' Diċembru fil-5.00pm u li kulħadd hu mistieden.

21.3.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll li skond l-aħħar ċirkulari mid-Dipartiment il-*budget (draft)* irid jitressaq sal-aħħar ta' Diċembru filwaqt li l-verzjoni *full accrual based* trid tiġi approvata kompliet is-Sinjura Mifsud bil-laqgħa Pubblika nkluza sal-15 ta' Jannar 2017. Is-Sur Spiteri qal li l-aħjar hu li wara li jiġi preparat id-*draft* l-*Accountant* eżatt x'sa jseħħ fl-*accrual based* ħalli jifhmu aħjar. Is-Sur Cassar ilmenta li qed jinħargu wisq ċirkularijiet li qed jintbagħtulhom għall-attenzjoni tagħhom biex jattendu laqgħat u seminars mingħajr ħadd mhu jżomm ġo moħħu li huma jaħdmu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa jkollha ssir laqgħa l-ġimgħa d-dieħla.

21.3.5 Is-Sindku qal li irċevew ukoll numru ta' CV's xi 10 u għalhekk id-dieħla jridu jsiru wkoll l-intervews. Hu propona li jinħatar Bord u dan ha jkun kompost mis-Sinjuri Cassar, Zalmmit, Spiteri, Cordina u Mangion. Il-kandidati propettivi għandhom jissejjħu skond kif propost mis-Sindku l-Hamis, 15 ta' Diċembru fil-4.30pm. Kulħadd qabel

21.3.6 Is-Sindku ressaq ukoll talba sabiex tiġi approvata spiża ta' Ambulanza u Standard Mobile Toilets għall-attivita' tal-*Christmas Market.* Din l-ispiża għalkemm mhux kwantifikata eżatt u li mhux ha taqbeż it-€300 ġiet approvata.

## 21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

21.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa dwar arblu tal-GO plc fi Triq is-Sienja tal-injam. Is-Segratarju Eżekuttiv qalet li dan ġa rrappurtat.
Is-Sur Spiteri talab li jiġi skużat fis6.10pm.

21.4.2 Is-Sur Ralph Cassar qal li l-ELC qed isaqqu.

- Talab li ssir laqgħa mal-*contracts manager* jew inkellu niġbdulu l-attenżjoni sabiex jagħmel spezzjoni regolari u jagħfas fuq il-ġonna.
- Qal li l-kunċert kien vera tajjeb u feraħ lill-banda.
- Saqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq il-kawża tal-barriera. Is-Sur Cordina qallu li telgħu jixhdu xi residenti imma li ħa jżommu nfurmat.
- Ġibed l-attenzjoni li l-latrini qed jitħallew miftuħin tard.
- Saqsa fuq il-kameras li ħa jsiru u s-Sindku qallu li dawn se jkunu jistgħu jitpoġġew kullimkien u dan sabiex terġa' tieħu postha lura l-Bring-in Site ta' ħdejn Scotts.

IS-Sur Neil Zahra mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ Ħ'Attard propona li ssir *choose your lane* fi Triq Ganni Portelli. Kulħadd qabel. Is-Sur Zahra skuża ruħu u telaq.

21.4.3 Is-Sinjura Connie Scerri daħlet f'dan il-mument 6.20pm
Hi qalet li wara li talbet biex isir restawr fuq it-*telephone box* u li x-xogħol sar pastażata talbet ukoll biex titranġa u qed tistenna risposta.

21.4.4 Is-Sur Raymond Azzopardi saqsa fuq il-perikli fit-toroq bħal Nutar Żarb u li kważi tajru mara.

21.4.5 Is-Sinjura M. Abela talbet sabiex issir mera fi Triq Lorenzo Manche' k/m Ganni Portelli. Din it-talba giet milqugħa.

## 21.5 Rapporti

21.5.1 Ma kienx hemm rapport x'jitressqu.

## 21.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Appraisals.*

21.6.1 Dan l-item ġie maqbuż sabiex il-Kunsill jimxi mal-istruzzjonijiet mgħoddija mill-HR tad-Dipartiment u jiġu mgħoddija f'Jannar 2017

## 21.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

21.7.1 Approvati wara li nqraw iċ-ċekkijiet miżjuda min-numru 44 sa 51 tal-iskeda. Is-Sur Zammit saqsa jekk il-pagi tal-ħaddiema Caruana u Sammut kienux jinkludu xi żidiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm xi overtime tal-attivitajiet, ftuħ ta' tenders, barra l-bonus annwali ta' Diċembru.

## 21.8 Rizoluzzjonijiet u/jew Mozzjonijiet

21.8.1 Ma kienx hemm rizoluzzjonijiet u mozzjonijiet.

## 21.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

21.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.35pm u ġiet aġġornata għall-15 ta' Dicembru 2016 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 15 ta' Diċembru 2016.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv